**QORTI CIVILI - PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN**

**RIKORS Nru: 1114/15**

**Alicia Galea**

**VS**

**Giacinta sive Cynthia Borg**

**Fl-Atti tar-rikors ghal hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni datat 9 ta' Lulju, 2015 fl-ismijiet Alicia Galea vs Giacinta sive Cynthia Borg**

**Illum 7 ta' Awissu, 2015**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors datat 9 ta' Lulju, 2015 fejn gie premess:-

**"Jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament:-**

**Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;**

**Illi l-esponenti, sabiex jakkwista l-jeddijiet tieghu , jixtieq izomm lill-intimat milli titrasferixxi, tassenja, taghti jew tiddisponi kwalsiasi dritt reali jew personali taht kwalsiasi titolu oneruz jew gratuwitu l-fond immobiljari bl-indirizzi:**

**1) 'Dorianne House', Triq il-Kitba, Fgura;**

**2) 'Jesus Heart', Triq il-Bieqja, Birzebbuga;**

**3) JCT Garage, Triq in-Nqragja Noqra Lane, Bizebbugia;**

**4) Ghalqa formanti parti minn art akbar denoninat 'Ta' Bajdin', fil-kontrada tal-Mirakli u fil-limiti ta' Hal-Lija, b'numru 31, tal-kejl superficjali ta' circa mija tmienja u disghin punt sitta metri kwadri (198.60mk);**

**u dan peress illi l-esponenti ghandha interess illi tikkawtela u tqieghed fiz-zgur l-interessi taghha fil-konfront tal-intimata;**

**Il-motivi tal-prezenti talba huma msejsa fuq bazi li l-esponenti ghandha dritt ghas-sehem riservat billi skont ir-rizultati tad-DNA, liema kopji qeghdin jigu annessa u mmarkata DOK AF1-2, hija bint Felix Borg sive Felice bin William u Catherine Bilocca, li skont it-testament li sar 'unica charta' fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat it-tlieta u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u hamsa (23.08.2005), l-intimata giet innominata b'eredi universali, propjetarja u padruna assoluta tal-gid kollu ta' Felix Borg;**

**Illi l-korrispettiv tal-imsemmija *causa mortis* kienet is-somma ta' €196.000 li minnhom kellhom jithallas is-sehem riservat lil esponenti ghalkemm interpellata diversi drabi;**

**Illi di piu, ghalkemm sar il-ftehim datat 8 ta' Mejju, 2015, hawn anness u mmarkat bhala AG3, fejn Cynthia Borg qeghda tobbliga ruhha sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas spettanti ta' Alicia Galea, pero` l-istess Cynthia Borg baqghet inadempjenti;**

**Illi t-trasferiment baqa' qatt ma sar u s-somma dovuta tas-sehem riservat ta' €4000,000.00 ma thallasx, minkejja li l-intimata talbet sabiex l-esponenti ssostni l-allegazzjoni taghha, hekk kif fil-fatt sar u ghalhekk l-ammont imsemmi ghadu dovut;**

**Illi fil-jiem li ghaddew, ir-rikorrenti saret taf illi propjeta gewwa Birzebbuga suicitata ser tigi trasferiti imminentament fuq terza persuna u liema att ser jigi ppubblikat minn Nutar Pierre Cassar, kif ukoll l-propjetajiet l-ohra qeghdin fi stadju li jinbieghu lil terzi persuni u dan bi pregudizzju kbir ghad-drittijiet tar-rikorrenti;**

**Illi ghalhekk, ir-rikorrenti ghandha kull interess illi tikkawtela d-drittijiet taghha specjalment fuq l-indikat fond gewwa Birzebbugia, kif ukoll il-propjetajiet immobiljari ohra u dan billi l-intimata ma tithalliex tirrilaxxa l-pussess ta' tali propjetajiet u/jew li tassenja, jew taljena bi kwalsiasi titolu jew bi kwalsiasi dritt reali jew personali fuq l-istess propjetajiet jew xi parti minn favur terzi persuni u dan biex ma jigux b'xi mod pregudikati irrimedjabbilment id-drittijiet tar-rikorrenti:**

**Illi ghalhekk ghal-motivi *supra* espresso u ghal ohrajn li jafu jinsorgu fit-trattazzjoni ta' dan il-mandat, ir-rikorrenti ghandha kull interess li titlob li jinhareg dan il-mandat b'effett immedjat u li jigi applikat dak misjub fl-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Illi ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli hija umilment mitluba joghgobha tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex jespleta l-inkarigu msemmi fl-appena citata disposizzjoni tal-Ligi.**

**Illi l-esponenti se tigi ppregudikata jekk l-intimata ma tigix inibita kif inghad;**

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izzomm lill-intimata milli tkompli taghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija".**

Rat lil Qorti ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lil intimat li kellha zmien ghaxar t'ijiem biex tirrispondi l-istess, rat li l-istess rikors gie debitament appuntat ghas-smiegh kif ukoll illi t-talba hawn suriferita giet milqugha provisorjament sakemm il-Qorti tghaddi ghad-determinazzjoni finali taghha.

Rat li fil-fatt l-intimata giet notifikata bl-inibizzjoni fid-9 ta' Lulju, 2015;

Rat li nonostante lir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghal 20 ta' Lulju, 2015, r-rikorrenti ntavoltat rikors ghal differiment in kwantu l-avuktat ta' fiducja taghha kienet se tkun indisposta. Il-Qorti laqghet it-talba u ddiferit is-smiegh ghat-28 ta' Lulju, fil11.30. Gara pero li anke ghal din is-seduta sussegwenti gie ntavolta rikors iehor identiku. Issa l-Qorti iddekretat illi kienet qed taghti differiment

provisorju pero l-avukata kellha tindikalha b'nota meta kienet se tkun f'posizzjoni li tattendi l-Qorti, dana tenut kont taz-zmien perentorju ta' tlettin jum lil ligi timponi biex tigi deciza din it-talba kawtelatorja.

Rat ghalhekk in-nota li presentat l-Avukat Dr. Graziella Attard, l-avukat tar-rikorrenti, li spjegat lil Qorti li kienet se tkun f'posizzjoni li tattendi l-Qorti wara l-10 ta' Awwisssu minhabba l-kura li kienet qed tircievi. Per konsegwenza l-Qorti b'digriet taghha datat 4 ta' Awwissu gibdet l-attenzjoni lil avukata koncernata bid-data tan-notifika ta' l-inimat.

Illi kien ghalhekk ill l-Qorti isssa wara li halliet ir-rikors ghas-smiegh ghas-seduta tat-tlieta ta' Awwisu fejn rega ma deher hadd, issa ddiferit ghas-sebgha (7) ta' Awwissu u ordnat ukoll li tigi notifikata b'tali data l-istess intimata, fatt dan li baqa ma sehhx kif jidher mir-riferta negattiva relattiva.

Jigi ukoll premess illi dan ir-rikors tassativament se jkollu jigi deciz sa nhar il-Hadd 9 ta' Awwissu. Rat ukoll illi ma sar ebda attentat ta' xi tip iehor ta' notifika ohra biex tigi servuta l-intimata bid-dati tas-smiegh. Illi ghalhekk il-Qorti, anke wara li tramite d-deputat registratur taghha fehmet l-indisposizzjoni serja ta' l-avukata ta' fiducja tar-rikorrenti, ma ghandha ebda triq ohra hlief li tiddisponi mir-rikors bil-mod segwenti.

Illi certament ghalkemm kif suriferit dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghal diversi drabi, hadd mill-partijiet ma attenda ghalhekk. Minn naha taghha l-intimata ghalkemm debitament notifikata biex tippresenta r-risposta taghha naqset li taghmel dana . Pero kif jigri ta' spiss fis-smiegh ta' dawn il-proceduri setghet facilment giet tesponi r-risposta taghha verbalment. Ghalkemm jirrizulta lli hija kienet notifikata bl-inibizzjoni u d-digriet ta' l-ewwel smiegh, dak mholli ghal-20 ta' Lulju, 2015, pero kif gia suriferit din is-seduta ma nstemghet qatt stante l-indispossizzjoni ta' l-avukat tar-rikorrenti.

Ghalhekk il-Qorti ghalkemm tifhem sew il-lanjanza li taghha qed tintalab il-kawtela, pero ma tistax tikkonsidra l-istess jew tghaddi ghal analizi taghha n vista tal-fatt illi qatt ma nstemghet il-parti l-ohra biex tressaq it-tesi taghha dwar dan.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda n vista ta l-iskadenza tat-terminu u c-cirkostanzi partikolari esposti, tichad it-talba u tirrevoka id-digriet taghha contrario imperio fejn laqghet l-istess talba b'mod provisorju.

Bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

Miriam Hayman
Imhallef

John Muscat
Deputat Registratur